# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO U TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u tliet kwarti**

Isem: ______________________________ Klassi: ______________

## Taqsima A **(30 marka)**

**Wieġeb fil-qosor għal dawn il-mistoqsijiet.**

1. Dwar xiex titkellem l-Enċiklika *Rerum Novarum*?

___________________________________________ (2 marki)

2. Fisser fil-qosor din is-sentenza: "Bix-xogħol aħna nissieħbu fil-ħidma ta' Alla l-Ħallieq."

___________________________________________

___________________________________________ (2 marki)

3. Ikteb dwar żewġ raġunijiet għala x-xogħol jista' jkun ta' tbatija għall-bniedem.

___________________________________________

___________________________________________ (2 marki)

4. Fil-Ġenesi insibu li Alla "ħa l-bniedem u qiegħdu fil-ġnien ta' l-Għeden biex jaħdmu u jħarsu." X'messaġġ tagħtina din is-silta dwar kif għandna nħarsu l-ambjent?

___________________________________________

___________________________________________ (2 marki)

5. Xi tfisser il-kelma 'Messija'?

___________________________________________ (2 marki)

6. X'tifhem bil-kelma 'qdusija'?

___________________________________________ (2 marki)

7. Għaliex huwa importanti li biex nibnu kuxjenza tajba rridu nkunu midħla tal-Bibbja?

___________________________________________

___________________________________________ (2 marki)

8. X'effett kellha l-Miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli nhar Għid il-Ħamsin (Pentekoste)?

___________________________________________

___________________________________________ (2 marki)

9. Min kienu l-Katekumeni fil-Knisja?

___________________________________________ (2 marki)

10. Ikteb fil-qosor dwar ir-rabta li hemm bejn is-Sagrament tal-Magħmudija u s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof?

___________________________________________

___________________________________________ (2 marki)

11. Il-ħajja ġejja minn Alla. Agħti żewġ eżempji li juru dan mill-Ktieb tal-Ġenesi?

______________________________________________________________

______________________________________________________(2 marki)

12. Agħti żewġ raġunijiet għaliex jingħata s-Sagrament tal-Morda lil min hu marid.

______________________________________________________________

______________________________________________________(2 marki)

13. Agħti żewġ eżempji ta' meta wieħed iqiegħed ħajtu fil-periklu u ma jkunx qiegħed jonqos anzi jkun qiegħed jagħmel ħaġa tajba.

______________________________________________________________

______________________________________________________(2 marki)

14. Għid x'titlob id-dinjità tal-ħaddiem bħala persuna maħluqa xbieha ta' Alla fid-dinja tax-xogħol.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________(4 marki)

## Taqsima B

**Aqra dawn iż-żewġ siltiet u, wara kull waħda, wieġeb il-mistoqsijiet.**

**a. Xorb u Alkoħol** **(15-il marka)**

Roderick offra li jwassal lil sħabu għall-party li kienu mistednin għalih. Madwar il-bar kulħadd bill griżmejh sewwa! Sandro nkwieta meta ra li Roderick qiegħed jixrob xi ftit żejjed u xtaq iwaqqfu. Roderick ipprova jikkonvinċi lil sħabu li lilu x-xorb ma jagħmillu xejn.

1. Għid f'hiex Roderick ma kienx qiegħed iġib ruħu b'mod responsabbli?

______________________________________________________________

______________________________________________________(3 marki)

2. Għid għaliex Sandro kien inkwetat meta ra lil Roderick jixrob.

______________________________________________________________

______________________________________________________(3 marki)

3. Semmi tliet ħsarat li jagħmel l-alkoħol fuq il-bniedem.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________(3 marki)

4. Liema Kmandament jgħidilna li aħna fid-dmir li nieħdu ħsieb is-saħħa u l-ħajja tagħna u ta' ħaddieħor?

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

5. Semmi żewġ vizzji oħra li għalihom jista' jwasslek ix-xorb żejjed.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

**b. Il-Korrezzjoni** **(15-il marka)**

Katia, studenta fil-ħames sena, kienet tmur għal-lezzjonijiet tal-privat għand is-Sur Abela. Darba, wara l-lezzjoni, qalet lil ommha li għand is-Sur Abela mhix ser tersaq iżjed. Ommha bdiet targumenta magħha u nsistiet li tridha tibqa' tmur biex żgur tmur tajjeb fl-eżamijiet. Katia webbset rasha u telqet f'kamritha fejn kien hemm Marika, oħtha l-kbira. Meta Marika rat lil Katia inkwetata, staqsietha x'ġara. Fost l-ilfiq Katia qalet lil oħtha li hi żgur li ma kinitx se tmur iżjed privat, għax is-Sur Abela kien jgħajjat magħha u jiksirha kif ġie ġie quddiem kulħadd u jgħidilha li hi kienet tfajla traskurata.

1. Għaliex Katia ma riditx tmur iżjed privat? Taqbel magħha u għaliex?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

2. Għaliex Katia ħassitha daqshekk imweġġgħa?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

3. Taħseb li għamel sew is-Sur Abela li għamel ġudizzju fuqha quddiem kulħadd? Għaliex?

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

4. Kif kien iġib ruħu Ġesù ma' nies li żbaljaw?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

5. Aħna obbligati li nirrispettaw id-dinjità ta' ħaddieħor. Kif għandna nġibu ruħna lejn min jiżbalja biex nimxu fuq dak li għallem Ġesù?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (5 marki)

## Taqsima Ċ (40 marka)

**Fuq karta separata wieġeb fit-tul għal TNEJN minn dawn l-erba' mistoqsijiet li ġejjin.**

1. **Is-Sagramenti tal-Magħmudija u tal-Griżma ta' l-Isqof.**

   a. (i) Semmi **tlieta** mill-effetti importanti li jġib fina s-Sagrament tal-Magħmudija. (marka)

   (ii) Fisser għaliex huma importanti. (3 x 3 marki)

   b. Fisser għaliex **fis-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof** jintuża

   (i) ż-żejt **u** (3 marki)

   (ii) t-tqegħid ta' l-idejn? (3 marki)

   (iii) Għid x'jiġri fina meta nirċievu dan is-Sagrament. (4 marki)

2. **Iż-Żwieġ Nisrani huwa Sagrament**

   a. Ikteb dwar **iż-żewġ skopijiet** li għandu dan is-Sagrament. (2 x 5 marki)

   b. Fisser kif l-imħabba "agape" tgħin lill-miżżewġin fit-triq tal-qdusija. (5 marki)

   ċ. Għaliex il-Knisja hija kontra d-divorzju? (5 marki)

3. **Il-Ħajja: rigal li l-bniedem irid jgħożż.**

   a. Irrakkonta eżempju biex turi kif Ġesù kien iqis is-saħħa u l-ħajja tal-bniedem bħala rigal li wieħed irid jgħożż. (4 marki)

   b. X'tgħallem il-Knisja dwar l-abort u l-ewtanasja? (2 x 5 marki)

   ċ. Aħna obbligati quddiem Alla li ma nqegħdux ħajjitna f'periklu bla bżonn. Ikteb dwar żewġ sitwazzjonijiet li rridu naħarbu biex nieħdu ħsieb ħajjitna u saħħitna. (2 x 3 marki)

4. **Marija mudell għat-tweġiba tagħna lil Alla.**

   a. Fil-15 ta' Awissu (Il-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema) u fit-8 ta' Diċembru (Il-Festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni) niċċelebraw żewġ veritajiet li aħna l-insara nemmnu dwar Marija Santissima. Ikteb paragrafu dwar kull waħda minn dawn id-Dommi (veritajiet).

   (2 x 4 marki)

   b. Flok suppervja, pika, għira u firdiet, Marija Santissima fittxet li tuża d-dinjità u t-talenti tagħha għas-servizz ta' l-imħabba u tas-solidarjetà. Uri kif Marija għamlet dan. (4 marki)

   ċ. Meta Marija aċċettat li ssir Omm Alla hi wriet imħabba kbira lejH. Inti kif tista' timita żewġ kwalitajiet sbieħ li nsibu f'Marija. (2 x 4 marki)